**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Mabel Strickland, O.B.E.

*versus*

Joseph Micallef Stafrace, B.A., L.P.

**Libell — Rettifika — Korrezzjoni Ġurnalistika — "Fair Comment" — Verità tal-Fatti — Art. 22 Kap. 117.**

*Il-Liġi tal-Istampa tiddisponi illi kull persuna, li l-azzjonijiet jew intenzjonijiet tagħha jiġu rappreżentati ħażin f'ġurnal, għandha d-dritt teżiġi li tiġi publikata immedjatament u bla ħlas, fl-istess ġurnal u f'post prominenti u bl-istess tipi, dikjarazzjoni li tikkontraddiċi jew tispjega dak li jkun inkiteb għar-rigward tagħha.*

*Din mhix xi dispożizzjoni partikulari tal-liġi maltija; imma dispożizzjoni analoga teżisti f'diversi leġislazzjonijiet oħra; u hi ferm f'lokha, bħala miżura preventiva kontrapposta għad-dispożizzjonijiet repressivi.*

*F'xi sistemi leġislattivi oħra jissemmew id-dritt ta' rettifika u d-dritt ta' risposta; imma l-liġi maltija ma tużax l-espressjoni "risposta", u ssemmi biss "contradiction or explanation", kliem li pjuttost jaċċennaw għad-dritt ta' rettifika.*

*Issa, hu paċifikament assodat fis-sistemi leġislattivi li għandhom din id-dispożizzjoni preventiva illi, biex tkun aċċettabbli r-rettifika, jeħtieġ li ma jkunx fiha xejn li jkun offensiv jew inġurjuż għall-ġurnalista nterpellat biex jippublika r-rettifika; u dan japplika tant għad-dritt tar-rettifika, kemm ukoll għal dak tar-risposta; u għaldaqstant, il-ġurnalista nterpellat għandu d-dritt jirrifjuta jagħmel din il-korrezzjoni ġurnalistika jekk ir-rettifika li hu jiġi mitlub jippublika fil-ġurnal tiegħu jkun fiha xi ħaġa hekk offensiva jew inġurjuża għalieh.*

*Dan id-dritt "preventiv" ma hux "sostituzzjoni" tal-proċess ordinarju ossija plenarju tal-libell, imma hu biss intiż biex jipprevenieh, jekk jista' jkun; u għaldaqstant ma hux am-*

*missibbli illi f'din il-procedura preventiva l-Qorti ghandha tidhol fl-eżami "funditus" dwar jekk id-dikjarazzjoni li taghha tintalab il-publikazzjoni hijiex koperta bil-"plea of justification" u/jew bil-"plea of fair comment", jew jekk kienx b'xi mod kriminuż l-artikolu li ghalieh tirriferixxi d-dikjarazzjoni; ghax inkella tispiċċa r-"raison d'etre" ta' din id-dispożizzjoni speċjali preventiva, u jiġu sovvertiti l-prinċipji tal-Liġi tal-istampa, ghaliex il-ġudizzju plenarju tal-libell ikun qiegħed jsir, minflok bħas-soltu, f'din il-proċedura speċjali. U allura, jekk id-dikjarazzjoni mitluba hi "prima facie" offensiva ghall-ġurnalista nterpellat, dan ghandu d-dritt li jirrifjuta li jippublikaha, minghajr ma jkun qiegħed b'daqshekk jikser id-dispożizzjoni tal-Liġi in kwistjoni.*

*Id-dikjarazzjoni ghandha tkun konċepita b'mod li, mentri tevita l-kliem oġġezzjonabbli, fl-istess hin tiċċara l-punto di vista tal-kwerelant b'rettifika tal-intestatura u tal-kontenut tal-artikolu oġġezzjonat, in kwantu dan kien jirrifletti fuq il-kwerelant. U lanqas huwa l-każ li wiehed jippretendi li l-ġurnalista nterpellat kellu jippublika parti mid-dikjarazzjoni u jħalli barra l-kliem li ghalieh hu oġġezzjona; ghax il-ġurnalista nterpellat ma hux obligat jiddistingwi u jisseprara r-risposta biex jippublika biss dawk il-brani li ma jmorrux kontra l-eżerċizzju tad-dritt tieghu ta' leġittima difiża.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni maħruġa mill-Pulizija fuq talba tal-kwerelanti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Joseph Micallef Stafrace, talli naqas jippublika fis-"Sebħ" dikjarazzjoni tal-kwerelanti, lilu mibghuta fil-15 ta' Ottubru 1958, bħala kontradizzjoni u spjegazzjoni ghall-artikolu editorjali tieghu li deher fis-"Sebħ" tat-13 ta' Ottubru 1958, skond ma jgħid l-art. 22 tal-Liġi tal-Istampa;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Novembru 1958, li biha ddeċidiet billi rriteniet li l-kwerelat kien ġustifikat ma jippublikax fis-"Sebħ", li tieghu huwa editur, id-dikjarazzjoni tal-kwerelanti, ghax din kienet f'xi parti ngurjuża ghalieh, u konsegwentement illiberatu mill-imputazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelanti appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata, u li jiġi minflok deċiż li l-kwerelat ma kienx ġustifikat li jirrifjuta jippublika fis-"Sebħ" id-dikjarazzjoni tal-kwerelanti, b'risposta għall-artikolu editorjali tiegħu tat-13 ta' Ottubru 1958, u jiġi konsegwentement kundannat għal dan in-nuqqas tiegħu skond l-art. 22 tal-Kap. 117 Ediz. Riv.;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti (mhux kontrastati) huma, brevement, dawn. Fin-numru tas-"Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1958 (kopja fol. 2) deher artikolu editorjali bl-intestatura "Barbariżmu Ingliż f'Ċipru", li fih ġie kwalifikat bħala barbariżmu l-aġir tas-suldati ngliżi f'Ċipru wara l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Fil-11 ta' Ottubru ġiet publikata fil-"Berqa" dikjarazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv, li hu kapitanat mill-kwerelanti, li fiha, "inter alia", dak il-Kumitat iddeplora u kkundanna dak li ġie mill-istess Kumitat kwalifikat bħala t-tifħir sfaċċjat li bih l-artikolu tas-"Sebħ" fuq imsemmi faħħar il-qtil ta' Mrs. Sutcliffe (ara fol. 4). Fit-13 ta' Ottubru 1958 deher artikolu editorjali fis-"Sebħ" (ara fol. 5), li fih dak il-ġurnal reġa' rriferixxa għall-aġir tas-suldati ngliżi f'Ċipru wara l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe, qal li l-artikolu tat-8 ta' Ottubru kien ġie kundannat mill-istampa tal-kwerelanti, li, kompla jgħid, ma maqdret bl-ebda mod dak li l-artikolista issa kkwalifika bħala "il-massakru tal-innoċenti", u, żied jgħid l-artikolista, kien ipoġġi f'dan il-kwadru ta' vjolenza tal-Gvern Ingliż u tas-suldati ngliż l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Dan l-artikolu tat-13 ta' Ottubru 1958 ġie ntestat, b'riferenza evidenti għar-riżoluzzjoni fuq imsemmija tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv, "Mabel tiddefendi l-Manigoldi Ingliżi". Bl-ittra tagħha tal-15 ta' Ottubru 1958, il-kwerelanti nterpellat lill-kwerelat, fil-kwalità tiegħu ta' editur tas-"Sebħ", biex jippublika fil-ġurnal tiegħu, għattenur tal-art. 22 tal-Liġi tal-Istampa, Kap. 117, id-dikjarazzjoni fol. 9;

F'dik id-dikjarazzjoni hemm, "inter alia", dawn il-

kliem:— "Dik ir-riżoluzzjoni ddeplorat u kkundannat dak li jiena u l-Partit tiegħi deħrilna li hi approvazzjoni ċara, *minn naħa tas-"Sebħ", tal-qtil reċenti ta'* Mrs. Sutcliffe..." ;

Bl-ittra tiegħu taż-17 ta' Ottubru 1958, il-kwerelat (fol. 10) irrifjuta li jippublika dik id-dikjarazzjoni tal-kwerelanti fuq żewġ raġunijiet, waħda li kienet ingurjuża, u l-oħra li kienet tikkontjeni affarijiet għal kollox estranei għall-artikolu editorjali tat-13 ta' Ottubru 1958 fuq imsemmi. Minn dawn il-fatti oriġina dan il-proċess;

Ikkunsidrat;

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-eżami tal-kwistjoni ta' fatt, jeħtieġ li tiġi preċiżata l-ipotesi ġuridika li għandha tiġi applikata għal dawn il-fatti;

L-art. 22 fuq riferit jgħid hekk:— "Any person whose actions or intentions have been misrepresented in a newspaper shall be entitled to demand and to have published forthwith, free of charge, in the same newspaper, in a prominent place and in the same type, a statement by way of contradiction or explanation". Fit-test taljan antik tal-liġi tagħna, il-kliem kienu:— "...... *dichiarazione contraddicente o spiegativa*";

Din id-dispożizzjoni mhix partikulari għall-Liġi Maltija, imma dispożizzjoni analoga teżisti f'diversi leġislazzjonijiet oħra. F"publikazzjoni tal-"Unesco" tal-1951, "Legislation for Press, Film and Radio" tal-1951 ta' Fernand Terrou u Lucien Solai, paġ. 338, is-suġġett hu trattat taħt l-intestatura "The right of reply and the right of correction"; u jingħad li hi ferm f'lokha dispożizzjoni simili bħala "preventive measure", kontrapposta għad-dispożizzjonijiet repressivi. Milli jidher, l-ewwel darba li dispożizzjoni simili ġiet introdotta fid-dritt statutorju kienet fil-Liġi Franċiża tal-1822. *In segwitu*, fil-liġi tal-1881, ġie ntrodott dritt dupliċi, ċjoè id-dritt ta' "rectification" u d-dritt ta' "rèponse". Kif sejjer jiġi spjegat il-quddiem, din id-distinzjoni għandha l-importanza tagħha. Fil-Liġi Taljana tat-8 ta' Frar 1948, id-dritt tar-rettifika u tar-risposta

hu unifikat f'dispożizzjoni waħda, li ssemmi risposta, korrezzjoni u dikjarazzjoni. Il-Liġi tal-Belġju tal-1831, kif emendata b'dik tal-1856, tikkontjeni wkoll dispożizzjoni in materja li ssemmi "risposta". Id-diversi "cantons" tal-Isvizzera wkoll għandhom dispożizzjoni in materja (ara Liġi tal-14 ta' Diċembru 1947) li ssemmi wkoll id-dritt tar-"risposta". Dan l-istess dritt ta' korrezzjoni ġornalistika ġie wkoll adottat bħala dispożizzjoni internazzjonali mill-Assemblea Ġenerali tal-United Nations f'April-Mejju tal-1949, u jikkostitwixxi t-tieni sezzjoni tal-"Convention on the International Transmission of News and the Right of Correction";

Il-Liġi Maltija ma tużax l-espressjoni "risposta" ("reply"); imma tgħid:— "A statement by way of contradiction or explanation" — kliem li pjuttost jaċċennaw għal dritt ta' rettifika. Kif jidher mil-kommenti li jagħmlu l-awturi Fisher and Strahan, Law of the Press, 2nd edition, p. 307), id-dritt ta' korrezzjoni jirriferixxi pjuttost għal "matters of *fact*", *mentri d-dritt ta' "risposta"* hu aktar estiż. Għall-ewwel, fi Franza kien ritenut li, kwantu għad-dritt ta' risposta, dan kien illimitat, b'mod li persuna ntitolata kienet "the sole judge of the opportuneness, the form and the tenor of his reply". Iżda, aktar tard, il-Qorti tal-Appell Franċiża (Cassation, Ch. Crim, 17 Aout 1883) iddeċidiet li, anki kwantu għar-risposta, ma għandu jkun hemm xejn fiha li jkun offensiv għall-persuna li lilha dik ir-risposta tkun indirizzata għall-publikazzjoni;

*Ormaj hu paċifikament assodat fis-sistemi leġislattivi* li għandhom din id-dispożizzjoni preventiva li, biex tkun aċċettabbli, jeħtieġ li ma jkollha xejn fiha li jkun offensiv jew inġurjuż għall-ġornalista nterpellat. Hekk hi l-pożizzjoni taħt il-Liġi ta' Franza, tal-Italja, tal-Belġju u tal-Isvizzera, u taħt il-Liġi Maltija (art. 22(3) Kap. 117);

Dan japplika tant għad-dritt ta' rettifika kemm ukoll għal dak ta' risposta. Jgħid il-Frola (Delle Ingiurie e Diffamazioni), a propożitu tal-Liġi Taljana in materia (p. 301-302):— "Solo potrebbe il gerente rifiutarsi all'inserzione quando...... e quando evidente fosse il carattere dif-

famatorio ed ingurioso della risposta o della dichiarazione, ripugnando la logica e la legge all'ipotesi dell'obbligatorietà di un'inserzione di *tale fatta, dannosa al gerente stesso*...... sul che la giurisprudenza sentenziò che il diritto di risposta è sottoposto, fra altro, alla condizione che la risposta non esca dai limiti della legittima difesa, e non contenga nulla che possa per avventura offendere la riputazzione del giornalista a cui è diretta";

Intqal mill-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Ruma, fis-sentenza fil-kawża Pubblico Ministero c. Lusignano, tad-9 ta' Frar 1893, riportata fil-Giurisprudenza Italiana 1893, 1, 2, 135:— "*Ha diritto il gerente di non pubblicare la risposta* delle persone nominate od indicate nella pubblicazione quando essa contenga offesa alla riputazione del giornalista al quale è diretta";

U l-Qorti ta' Ġenova, 2 Luglio 1880, Viale (ara Foro It. 5, 2, 279) qalet hekk:— "La facoltà della persona nominata in un giornale di farvi inserire la risposta o dichiarazione deve intendersi ristretta ad uno scritto relativo alla propria difesa ed ai fatti che specialmente riguardano la persona nominata, e non può estendersi ad uno scritto di polemica su materie attinenti ai fatti stessi ma non necessarie alla giustificazione";

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravji dedotti mill-kwerelanti appellanti b'impunjattiva tas-sentenza appellata huma dawn:—

1. L-Ewwel Qorti messha daħlet fl-eżami jekk il-kliem ritenuti ngurjużi, kontenuti fid-dikjarazzjoni tal-kwerelanti, kienux inveċe "a fair comment" fuq l-editorjali tas-"Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1958, u li għalhekk ma kienux affattu diffamatorji;

2. Illi fid-dikjarazzjoni kellha bilfors tiġi riportata r-riżoluzzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit kapeġġjat mill-kwerelanti, sabiex il-qarrejja tas-"Sebħ" jistgħu jiġu illuminati dwar il-kwistjoni;

3. Id-dritt li tagħti l-liġi lill-editur, li jirrifjuta l-pubblikazzjoni fil-każ li d-dikjarazzjoni tkun inġurjuża, ma għandux jiftiehem fis-sens li hemm lok għal dak ir-rifjut jekk din id-dikjarazzjoni tkun biss "prima facie" nġurjuża. Imma jeħtieġ li tkun verament inġurjuża daqs kieku ġudikata tali fi proċess ta' libell;

L-ewwel u t-tielet doljanza jiżvolġu konċett wieħed, u għalhekk hu opportun li jiġu eżaminati flimkien;

Din il-Qorti tirrileva li dan id-dritt "preventiv", kif tajjeb sejħulu l-awturi fuq ċitati Terrou u Solal, ma hux "sostituzzjoni" tal-proċess ordinarju ossija plenarju tal-libell, imma hu biss intiż biex jipprevjenieh, jekk jista' jkun. Kieku kellu jiġi ammess li, f'din il-proċedura merament preventiva, il-Qorti għandha tidħol fl-eżami, "funditus", dwar jekk id-dikjarazzjoni li tagħha qegħdha tintalab il-publikazzjoni hijiex koperta bil-"plea of justification", u/jew bil-"plea of fair comment", jew jekk kienx b'xi mod kriminus l-artikolu li għalieh tirriferixxi dik id-dikjarazzjoni, allura jispiċċa għal kollox is-sens, u tispiċċa ir-"raison d'être" ta' din id-dispożizzjoni speċjali preventiva. Kif esprima ruħu l-Pincherle (ċitat fil-Frola, ibidem, p. 298), l-iskop ta' din il-proċedura hu "...... economia di giudizi, i quali non fanno che inasprire gli animi per gli inevitabili contatti, le artificiose lungagini, l'inevitabile palleggiare di recriminazioni e di seconde offese, ed economia di tempo assai opportuna......" u dan l-iskop jiġi frustrat jekk, in konnessjoni mad-dikjarazzjoni rettifikatriċi, għandu jsir proprju dak il-proċess li din il-proċedura hi appuntu intiża biex tipprevjeni;

Fil-każ preżenti, hu ċar li l-kwerelat kien qiegħed jirrespinġi l-addebitu ta' tifħir tal-qtil ta' Mrs. Sutcliffe, billi spjega l' punto di vista tiegħu fl-artiklu tat-13 ta' Ottubru 1958 fuq riferit. Hu ugwalment ċar li l-kwerelanti tirritjeni li l-artikolu tas-"Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1959 jikkostitwixxi approvazzjoni tal-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Kieku din il-Qorti kellha tidħol fl-eżami dwar jekk l-artikolu tas-

"Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1958 kienx jew le jammonta għall-approvazzjoni tal-qtil ta' Mrs. Sutcliffe, u dwar jekk l-affermazzjoni li dak l-artikolu jammonta għal daqshekk hijiex dikjarazzjoni protetta bl-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti u/jew tal-"fair comment", allura, b'daqshekk jiġu sovvertiti *l-prinċipji tal-Liġi tal-Istampa; għaliex il-ġudizzju plenarju tal-libell ikun qiegħed isir, minflok bħas-soltu, f'din il-proċedura speċjali, limitata u preventiva.* Din il-proċedura hi intiża (speċjalment fil-Liġi Maltija, fejn, kif ingħad, hu l-każ pjuttost ta' "rettifika" biss milli anki ta' "risposta") unikament biex il-persuna nominata, bla ma tidħol *f'polemika, u bla ma tagħmel* ebda addebitu "prima facie" diffamatorju għall-ġerent tal-ġurnal, tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti, b'korrezzjoni ta' dak li jkun deher fil-ġurnal; iżda mhux aktar l-hemm; mentri fid-dikjarazzjoni li tifforma l-meritu ta' dan l-appell, apparti li hemm materji mhux neċessarji għall-ġustifikazzjoni jew rettifika, qegħdha tiġi mputata lill-kwerelant l-approvazzjoni, fl-artikolu tat-8 ta' Ottubru 1958, ta' delitt notorjament atroċi; liema imputazzjoni hi "prima facie" offensiva għall-kwerelat, peress li hu jirrespinġi dik l-interpretazzjoni (salv dak li jista' jirriżulta f'ġudizzju appożitu, favur jew kontra parti waħda jew l-oħra, għax ebda opinjoni din il-Qorti ma hi qegħdha tesprimi, u ma hix imsejħa tesprimi, f'dan il-proċess);

Dik l-imputazzjoni għalhekk teżimieh, bis-saħħa tad-dispost espress tat-tielet subartikolu tal-art. 22 Kap. 117, mill-publikazzjoni tad-dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni setgħet, bla dubju, tkun konċepita b'manjiera tali li, mentri tevita dawk il-kliem oġġezzjonabbli. fl-istess ħin tiċċara l' punto di vista tal-kwerelanti b'rettifika tal-intestatura u tal-kontenut tal-artikolu tas-"Sebħ" tat-13 ta' Ottubru 1958, in kwantu dan kien jirrifletti fuqha;

Jista' anki jiżdied dan li ġej. Jekk wieħed jeżamina tajjeb id-dikjarazzjoni fol. 9, mibgħuta lill-kwerelat għall-publikazzjoni, għandu jiġi għall-konklużjoni li appena tista' *proprjament tissejjaħ rettifika. Difatti,* is-sekwenza kienet din. Fl-artikolu tat-8 ta' Ottubru 1958 il-kwerelat semma l-aġir tat-truppi ngliżi f'Ċipru u l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Fir-riżoluzzjoni tal-Kumitat tal-Partit dirett mill-kwere-

lanti *dak l-artikòlu ġie nterpretat bħala tifħir* ta' dak il-qtil. Fl-artikolu tat-13 ta' Ottubru 1958 il-kwerelat ikkumbatta dik il-interpretazzjoni, u ntesta l-artikolu bil-kliem "Mabel tiddefendi l-Manigoldi Ngliżi". Issa, fid-dikjarazzjoni lilu mibgħuta għall-publikazzjoni, is-sustanza tagħha tikkonsisti f'riaffermazzjoni tal-interpretazzjoni tal-artikolu tat-8 ta' Ottubru 1958 bħala approvazzjoni tal-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Minn dan jiġi li, prattikament, il-kwerelat kien qed jiġi nterpellat biex jippublika fil-ġurnal tiegħu, tiegħu, mhux tant rettifika tal-intestatura riferenti għall-kwerelanti, *imma aktarx interpretazzjoni tal-artikolu tat-8* ta' Ottubru 1958, li hu jirrespinġi u li hi offensiva għalieh. Il-proċedura limitata tar-rettifika ma tistax tiġi estiża għal "ġudizzju formali" dwar il-karattru kriminuż jew le ta' artiklu f'ġurnal, jew dwar il-karattru libellus ta' dik l-intestatura, jew dwar jekk l-interpellazzjoni għar-rettifika hijiex hi stess inġurjuża jew hix kolpita bl-"exceptio veritatis" jew bl-eċċezzjoni tal-"fair comment". Il-Qorti, għall-finijiet ta' din il-proċedura preventiva, għandha tara biss, "sola visione" u "sine figura judicii", jekk hemmx *f'dik id-dikjarazzjoni interpellatorja xi kliem li "prima facie"* huma nġurjużi għall-ġerent tal-ġurnal;

Kwantu għat-tieni doljanza ta' dan l-appell, hu veru li d-dikjarazzjoni qegħdha tesprimi u tirriporta l-istess konċett tar-riżoluzzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, u li kienet din ir-riżoluzzjoni li tat l-ispunt għall-artikolu tat-13 ta' Ottubru 1958; imma, l-ewwelnett, una volta li dak il-konċett ġie nkorporat fid-dikjarazzjoni dan ifisser li l-kwerelanti assumiet ir-responsabbiltà tiegħu "in testa propria"; u t-tieni, avvolja kien *hemm il-konnessjoni fuq rilevata*, id-dikjarazzjoni setgħet dejjem tkun redatta b'mod li tiġi limitata għal sempliċi rettifika, kif għandha tkun;

Lanqas hu l-każ li wieħed jippretendi li l-kwerelat kellu jippublika parti mid-dikjarazzjoni u jħalli barra l-kliem li għalihom hu oġġezzjona. Ġie infatti deċiż (ara Fisher and Strahan, ibidem p. 308) illi:— " . . . . the journalist is not bound to divide and separate the reply in order *to publish only* those portions which do not transgress the exercise of the right of legitimate defence";

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, u konsegwentement tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti. Onorarju tad-difensuri kif infra indikat:—

Seduta tat-13. 12. 1958 . . . . . tmien xelini;

Seduta taż-17 ta' Jannar 1959 . . . . tnax il-xelin;

Seduta tal-lum . . . . . għaxar xelini.